Qorti tal-Appell

(Sede Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Numru: 1/16AE

**Inginier Anthony Mangion (appellant)**

**vs**

**Muscat Motors Limited (appellata)**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2017.

1. L-attur appella mis-sentenza tal-21 ta' Jannar, 2016 li biha t-Tribunal laqa' parzjalment it-talba tal-attur billi kkundanna lis-socjeta konvenuta thallsu s-somma ta' €232.75. Fis-sentenza ntqal:

*"Illi r-rikorrenti spjega kif wasal ghat-talba mitluba u pprezenta kopji tal-ircevuti u dokumentazzjoni relattiva;*

*Illi min-naha l-ohra l-intimati ma deherux biex jitfghu dawl fuq din it-talba u lanqas biex jaghtu l-verzjoni taghhom;*

*Illi ghalkemm il-provi gew imressqa esklussivament mir-rikorrent, ma jirrizultax li l-hsara fil-vettura tieghu hi direttament marbuta mat-tiswijiet maghmula mis-socjeta intimata;*

*Illi inoltre dan, irid jigi ssotolinejat li l-meritu hi dwar vettura second-hand u mhux vettura gdida mixtrija minghand is-socjeta intimata;*

*Illi jirrizulta mill-provi mressqa mir-rikorrent li t-tiswijiet maghmula mis-socjeta intimata qabel l-imsemmija btala fi Sqallija, ma solvewx il-problema fil-vettura tieghu pero ma hemm ebda rabta bejn ix-xoghol maghmul mis-socjeta intimata u x'gara waqt il-btala tar-rikorrent fi Sqallija;*

*Illi d-decizjoni li tintuza l-vettura waqt din il-btala, kienet tar-rikorrent u ma jirrizultax mill-provi li s-socjeta intimata accettat jew tat xi tip ta' garanzija dwar dan;*

*Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija, it-Tribunal hu tal-fehma li r-rikorrent ma rnexxilux jipprova dak minnu allegat sal-grad rikjest mil-ligi;*

*Illi min-naha l-ohra s-socjeta intimata ghandha tirrifondi lura lir-rikorrent is-somma ta' €232.75 rapprezentanti l-kontijiet tat-tiswijiet li saru qabel il-btala li pero ma solvewx il-problema fil-vettura"*.

2. L-aggravju tal-appellant gie spjegat li hu:

*"3. ILLI l-aggravju tal-esponenti huwa illi t-Tribunal malament injora x-xhieda kollha prodotta mill-esponenti …*

*4. ILLI l-presunzjoni hija illi l-appaltatur jiggarantixxi l-opera tieghu: meta din il-karozza giet konsenjata lura, huwa presunt illi kienet fi stat ghal uzu ordinarju u normali; dan ifisser illi ghal kwalsiasi raguni, il-kuntrattur ma pprestax l-opera professjonali tieghu u jrid iwiegeb ghad-danni;*

*5. … It-Tribunal b'ebda mod ma immotiva l-asserzjoni tieghu illi r-rikorrent, l-Ing Mangion ma lahaqx il-grad ta' prova rikjesta mil-Ligi, izda ghamel statement minghajr ma spjega x'kien il-grad ta' prova, fil-kaz, rikjest u ghaliex it-Tribunal ma kienx konvint; …"*

3. L-appellata wiegbet:

*"5. Illi l-vettura* <u>*ma nxtratx*</u> *minghand is-socjeta' esponenti u ghaldaqstant dan il-kaz ma jittrattax wiehed ta' difett mohbi jew mhux tal-kwalita' pattwita stante illi semmai dawn huma azzjonijiet illi l-appellant messu ha kontra minn bieghlu l-vettura.*

*6. Illi huwa minnu illi qabel ma siefer bil-vettura, l-appellant mar ghand is-socjeta' esponenti ghal service, izda dan b'ebda mod ma jwassal awtomatikament illi wiehed jikkonkludi illi r-raguni li effettivament wasslet sabiex ikollu problema fil-vettura tieghu hija xi nuqqas min-naha tas-socjeta' esponenti.*

*7. Illi filwaqt li huwa veru illi l-appaltatur jiggarantixxi l-opera tieghu, pero sabiex l-azzjoni tal-appellant tirnexxi jrid l-ewwel u qabel kollox jipprova illi l-hsara li garbet il-vettura tieghu meta kien Sqallija kienet wahda relatata max-xogholijiet tal-istess appaltatur, haga illi l-appellant qatt ma ghamel."*

4. <u>**Verzjoni tal-attur.**</u>

i. Hu sid ta' vettura BMW li ma nxtratx minghand il-konvenuta.

ii. Matul is-sena 2013 kien ha l-vettura l-garaxx tal-konvenuta peress li xeghlet l-*engine light*. Il-vettura hadha iktar minn darba, dejjem bl-istess problema.

iii. Il-konvenuta attribwit il-hsara ghal Diesel Digital Eletronics. Qalulu li l-hsara ma kinitx hsara li ghandha x'taqsam mal-magna.

iv. Matul is-sena 2014 l-attur ma kompliex jiehu l-vettura ghand il-konvenuta, u beda jinjora l-bozza li kienet tixghel, wara li gie nfurmat li ma kien hemm xejn serju.

v. F'Marzu 2015 siefer bil-vettura ghal btala qasira fi Sqallija. Ftit qabel rega' ha l-vettura l-garaxx tal-konvenuta sabiex jikkonfermawlu li seta' jsiefer biha. Bidlulha parts, fosthom *actuator* tal-*Exhaust Gas Regenerator* u *Pressure Boost Sensor* (PBS), li jirregola s-sahha tal-magna.

vi. L-ghada waqt li kien qieghed isuq, regghet xeghlet l-istess bozza u l-vettura tilfet il-*power* u bdiet taqta'. Rega' ha l-vettura ghand il-konvenuta u gharrafhom li ser isiefer biha u li kien hemm bzonn li l-vettura tkun tahdem sew. Halla l-vettura ghand il-konvenuta u tlett ijiem wara gabarha.

vii. Meta kien imsiefer regghet bdiet tixghel il-bozza. Fi triqtu lejn il-lukanda, wara tlett sighat sewqan, beda hiereg duhhan iswed minn taht il-bonnet u l-vettura tilfet il-*power*. Il-magna giet spezzjonata minn mekkanik li nfurmah li kellu *diesel particulate filter* (DPF) li kien imblukkat. Saru xoghlijiet fil-vettura.

viii. Meta rritorna lejn Malta rega' ha l-vettura ghand il-konvenuta u nfurmawh li l-problema kienet mid-DPF.

5. Is-socjeta konvenuta ma ressqitx provi u lanqas m'ghamlet kontro-ezami.

6. **Konsiderazzjoni.**

6.1 Il-qorti tibda biex tosserva li ma tifhimx kif fil-parti dispozittiva tas-sentenza t-Tribunal laqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, cahad it-talba tal-attur izda fl-istess hin ordna li, *"(.....) s-socjeta intimata ghandha tirrifondi lura lir-rikorrent Ing. Anthony Mangino is-somma ta' €232.75 kif fuq inghad,.....".* Din kienet l-ispiza totali li saret mill-attur fuq il-vettura fis-6 u 27 ta' Frar, 2015.

6.2 L-attur isostni li dak li gara kien tort tal-konvenuta, ghaliex, *"(....) nqala' l-pajp minhabba li jiena ghamilt uzu normali tal-vettura tieghi. Insemmi wkoll illi s-socjeta intimata bhala l-agent tal-BMW ma individwatx il-problema fid-DPF li jaghmel parti mill-exhaust system".*

6.3 It-Tribunal ikkonkluda li ma kienx jirrizulta li l-hsara fil-vettura kien direttament marbut mat-tiswijiet maghmula mis-socjeta intimata. Jidher li hekk hu. F'dan ir-rigward il-qorti taghmel riferenza ghall-email datata 24 ta' Marzu li l-attur baghat lil Fiona Nind, Service Administration Manager tas-socjeta konvenuta (ara tieni paragrafu) ghal dak li jirrigwarda l-pipe li tal-Pressure Boot Sensor li skont l-attur inqala (seduta 17.9.2015).

6.4 Hu evidenti li l-konvenuta kienet taf li l-vettura kienet ser tintuza fi vjagg barra minn Malta. F'dan ir-rigward l-attur ipprezenta email datata 6 ta' Marzu, 2015 li baghat lis-socjeta konvenuta fejn gharrafha:

*"Dear Ms Nind,*

*As you are aware I collected my car this evening after two days at your garage. Regret to say it is by far worse, after 15km* ***it started losing power and jolting*** *and after another twenty min like this the engine warning came back on. This is so embarassing was going to Gozo had to turn back"*.

It-twegiba (9 ta' Marzu, 2015) kienet biex jiehu l-vettura l-garaxx tas-socjeta konvenuta, u s-*service manager* kien ser jaghmel *road test* tal-vettura. Dakinhar l-attur ha l-vettura ghand il-konvenuta. Imbaghad fit-13 ta' Marzu, 2015 l-attur rega' baghat email u qal:

*"Dear Ms Nind*

*Am getting worried it's been a week and from what I gather the situation is worse than when we started.*
*As advised I have booked for next Thu a trip to Sicily with that car"*.

It-twegiba li nghatat dakinhar stess kienet:

*"Diagnosis is still in progress on your vehicle. I have passed on the below information to Dione and can assure you that we are doing our very best to have your vehicle in satisfactory working order before your trip"*.

Kien biss fis-16 ta' Marzu, 2015 li l-attur inghata lura l-vettura. Sakemm gie biex isiefer, xehed li kien juza l-vettura biex imur ix-xoghol u lura d-dar.

6.5 Sussegwentement fid-19 ta' Marzu, 2015 l-attur siefer lejn Sqallija bil-vettura. Kellu ragun jifhem li l-vettura kienet tajba biex ikun jista' jivvagga biha. Ghalkemm m'hemmx prova tax-xoghol li sar fuq il-vettura kemm damet fil-garaxx tal-konvenuta (mid-9 sas-16 ta' Marzu, 2015), lanqas m'hemm prova li l-attur inghata parir biex ma jsifirx bil-vettura. Li hu evidenti hu li s-socjeta konvenuta ma solvitx id-difett li kellha l-vettura, tant li fl-ewwel gurnata fi Sqallija wara tlett sighat sewqan, ***"(....) il-magna tilfet is-sahha taghha u beda hiereg duhhan iswed minn taht il-bonnet"***. Il-fatt li l-vettura kienet regghet tilfet il-*power*, fuq bazi ta' probabilta jindika li l-konvenuta rritornat lura l-vettura bid-difett li kellha. Dan wassal biex fl-ewwel gurnata tal-vjagg l-attur rega' kellu l-problema. Vettura li ma kinitx idoneja sabiex tintuza barra minn Malta. Ir-responsabbilta tal-konvenuta hi ikbar mid-diligenza generika tal-*bonus paterfamilias*. Il-konvenuta kellha d-dmir li twettaq ix-xoghol b'diligenza professjonali ta' min hu espert fl-attivita ta' tiswija tal-vettura. Dmir li kien jinkludi l-obbligu li fil-perjodu li l-vettura kienet fil-garaxx taghha, tidentifika x'kien id-difett fil-vettura tal-attur. Ghalhekk il-konvenuta kellha l-obbligu wkoll li tizgura li x-xoghol li taghmel fuq il-vettura, ikollu rizultat utli. Wara kollox il-vettura ddahhlet fil-garaxx tal-konvenuta sabiex jigi identifikat id-difett u ssir it-tiswija li kien hemm mehtieg, iktar u iktar meqjus li kienet taf li l-attur kien ser isiefer biha. Mill-provi li tressqu l-uniku konkluzjoni li l-qorti tista' tasal ghaliha hi li s-socjeta konvenuta ghandha twiegeb ghad-danni li sofra l-attur b'rizultat tan-nuqqas taghha li tindividwa x'kien fir-realta' d-difett.

6.6 Fit-twegiba ghall-appell il-konvenuta qalet:

*"6. Illi huwa minnu illi qabel ma siefer bil-vettura, l-appellant mar ghand is-socjeta esponenti ghal service, izda dan b'ebda mod ma jwassal awtomatikament illi wiehed jikkonkludi illi l-raguni li effettivament waslet sabiex ikollu problema fil-vettura tieghu hija xi nuqqas min-naha tas-socjeta esponenti".*

Mill-provi rrizulta li l-vettura ma ttiehditx fil-garaxx tal-konvenuta ghal service. Ir-raguni tirrizulta mill-korrispondenza skambjata permezz ta' emails.

6.7 It-Tribunal semma wkoll il-fatt li l-vettura kienet *second hand* u ma nxtratx minghand is-socjeta konvenuta. Fil-fehma tal-qorti dawn ic-cirkostanzi mhumiex rilevanti. Il-vettura hi BMW, u l-attur hadha ghat-tiswija ghand is-socjeta konvenua li hi l-agent tal-BMW. Il-konvenuta accettat il-vettura u ghamlet xoghol fuqha. Hu ragonevoli li wiehed jippretendi li:-

i) mid-9 sal-16 ta' Marzu, 2015 il-konvenuta kellha ssib x'kien id-difett fil-vettura u tirrangah.

ii) ladarba l-attur inghata lura l-vettura minghajr ma saret ebda rizerva, kellu dritt jifhem li l-vettura kienet tajba sabiex isiefer biha.

6.8 In vista ta' dak li nghad hawn fuq is-socjeta konvenuta ghandha twiegeb ghad-danni li sofra l-attur. Il-vjagg kien ta' ftit granet, u bil-problema li nqlaghet fl-ewwel jum, sfrattaw il-pjanijiet li kellhom l-attur u l-partner tieghu. Dan apparti li l-attur spicca kellu jaghmel spejjez ta' €770 ghand mekkanik fi Sqallija. L-ammont li ghandha thallas il-konvenuta hi ta' **elf mitejn u sitta u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€1,256.75)**, li fihom hemm inkluz is-somma ta' €232.75 li t-Tribunal ikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas u li dwarhom ma sarx appell incidentali. Il-qorti ma nkluditx is-somma ta' €142.59 (ara invoice datat 7 ta' April, 2015) in kwantu m'hemmx prova li dawk l-ispejjez kellhom isiru minhabba nuqqas min-naha tal-konvenuta.

**Ghal dawn il-motivi tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi u:**

**1. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta.**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallsu s-somma ta' elf mitejn u sitta u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€1,256.75).**
3. **Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tas-socjeta konvenuta.**

Anthony Ellul.